**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 121/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech**

**vs**

**Nasir Fuqle Warsame**
**(Numru ta' Refugjati 21157/16)**

**Illum, 26 ta' Dicembru 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Nasir Fuqle Warsame ta' 21 sena, iben Fukla u Habiba nee` Hash, imwieled is-Somalia nhar il-15 ta' Gunju 1996 u residenti gewwa l-Marsa Open Centre, Triq Xatt il-Mollijiet bin-numru ta' refugjati 21157/16;

Akkuzat talli nhar il-31 ta' Awwissu 2017 u/jew fil-gimghat ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Kif ukoll talli nhar il-31 ta’ Awwissu 2017 u/jew fix-xhur ta’ qabel din id-data:

3) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenza mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega’ kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’

dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi f’dan il-kaz, l-ammissjoni tal-imputat ma jistax jinghad li kienet wahda bikrija, tant illi kienu nstemghu diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni meta l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu. Qieset ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz, in-natura serja tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u b’mod partikolari l-piz tas-sustanza in kwistjoni illi skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut kienet tikkonsisti f’raza tal-*cannabis* (ossia sustanzi ta’ lewn kannella li fihom instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*) f’piz ta’ 5.12 grammi, b’purita` ta’ cirka 6% u f’haxix tal-*cannabis* (u cioe` haxix ta’ lewn ahdar li fih ukoll instabet is-sustanza *Tetrahyrdocannabinol*) f’piz ta’ 16.89 grammi, b’purita` ta’ cirka 5%. Il-Qorti tqis ghalhekk illi certament ma jistax jinghad illi d-droga in kwistjoni kienet ta’ kwantita` insinjifikanti jew negligibbli.

Tqis ukoll mill-banda l-ohra, il-fedina penali tal-imputat, illi fiz-zmien in kwistjoni, kienet wahda netta.

Ghal fini ta’ piena, qed tqis ir-reati fit-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet bhala komprizi u nvoluti fir-reati kkontemplati fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet in kwantu u safejn dawn jirreferu ghall-istess perjodu ta’ zmien u qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta’ hdax-il (11) xahar prigunerija effettiva –

li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza – u multa ta' elf, tmien mija u hamsin ewro (€1,850).

Ai termini tal-Artikoli 392C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz u cioe` l-ispejjez konnessi mall-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, tmienja u tmenin ewro u wiehed u sittin centezmu (€188.61) u l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert Joseph Muscat, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, hamsa u erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€245.91), b'kollox ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' erba' mija, erbgha u tletin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€434.52), kif ukoll l-ispejjez ta' dawk l-esperti li ghadhom ma pprezentawx ir-relazzjoni taghhom ossia s-*Scene of the Crime Officer* PC 1331 Darren Debattista u PS 650 Justin Tabone, liema spejjez ghandhom jigu stabbiliti mir-Registratur, hekk kif l-istess esperti jipprezentaw din ir-relazzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* tal-marka Samsung (*gold*), esebit fl-atti, favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tal-*evidence bag* bin-numru S00166557 esebit mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut flimkien mar-relazzjoni tieghu Dokument GS, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat